MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 91/2009

**Joseph Haber**

**Vs**

**Ganni Grima u Joseph Sultana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-4 ta' Dicembru 2009 li tittratta kawza ta' spoll wara li l-attur ippremetta li l-konvenuti tefghu kwantita ta' materjal u terrapien u oggetti ohra f'moghdija li l-attur ippremetta li jghaddi minnha biex jidhol fir-raba' maghrufa bhala "Wara l-Bjut", limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex tal-kejl ta' 749.6 metri kwadri. L-attur talab lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jirreintegraw lill-attur fil-pussess, fi zmien qasir li jigi ffissat mill-qorti.
3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel ix-xoghol mehtieg biex jigi reintegrat fil-pussess.

Rat in-nota prezentata mill-konvenuti fit-28 ta' Dicembru 2009 fejn iddikjaraw li nehhew l-materjal, terrapien u oggetti ohra li kien hemm fil-moghdija. Fatt li gie konfermat mid-difensur tal-attur. Nota li tfisser ammissjoni tal-konvenuti.

Rat in-nota prezentata mill-attur fis-seduta tal-lum fejn irrinunzja ghall-meritu u zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------